# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Mejju, 2001**

**Numru 27**

**Cit. Nru. 509/01 GCD**

**Carmelo sive Charles Attard**

**Vs**

**Super Master Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-attur, wara li qal:

Illi s-socjeta` konvenuta tiggestixxi s-Super Master Discount Store ta' Mriehel By Pass, Mriehel;

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici a favur ta' l-attur fis-somma vera, certa u likwida ta' erbat elef mija u sitta u disghin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm4,196.83c) rapprezentanti prodotti tal-halib li gew mibjugha u konsenjati mill-attur lis-Super Master Discount Store, bejn it-12 ta' Frar 2001 u s-17 ta' Frar 2001, fl-ammont ta' Lm750.55c, bejn id-19 ta' Frar 2001 u l-24 ta'

Frar 2001, fl-ammont ta’ Lm768.47c; bejn is-26 ta’ Frar 2001 u t-3 ta’ Marzu 2001, fl-ammont ta’ Lm713.17c; bejn il-5 ta’ Marzu 2001 u l-10 ta’ Marzu 2001, fl-ammont ta’ Lm577.61c; bejn it-12 ta’ Marzu 2001 u s-17 ta’ Marzu 2001, fl-ammont ta’ Lm748.45c; u bejn l-20 ta’ Marzu 2001 u l-24 ta’ Marzu 2001, fl-ammont ta’ Lm638.58;

Illi s-socjeta` konvenuta hallset lill-attur permezz ta’ HSBC cheque datat 14 ta’ Marzu 2001, u li jgib in-numru 2062, is-somma ta’ seba’ mija u hamsin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm750.50c) rapprezentanti parti mill-bilanc dovut lilu, izda dan ic-cekk ma giex onorat mill-imsemmi bank (Dok. “A”);

Illi s-socjeta` konvenuta giet imsejha biex thallas izda baqghet ma hallsitx;

Illi s-socjeta` konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq ghat-talbiet attrici ai termini ta’ l-artiklu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smigh ai termini ta’ l-artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. tiddikjara lis-socjeta` konvenuta bhala debitrici a favur ta’ l-attur fis-somma komplessiva vera, certa u likwida ta’ erbat elef mija u sitta u disghin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm4,196.83c) dovuti kif hawn fuq

spjegat oltre l-imghaxijiet legali bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena sad-data tal-effettiv pagament; u

3. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' erbat elef mija u sitta u disghin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm4,196.83c) dovuti kif inghad hawn fuq;

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Charles Attard u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm